31998R0496

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) nru 496/98
tas-27 ta' Frar 1998
dwar il-klassifika ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura għat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2509/97 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti msemmijin fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u dawk ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ tal-merkanzija;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li mhijiiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi invokata mid-detentur, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 [4], għal perjodu ta' tliet xhur;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u ta' l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda fil-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

L-Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhix konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament tista' tkompli tiġi invokata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-27 ta' Frar 1998.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 345, tas-16.12.1997, p. 44.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 17, tal-21.1.1997, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifika (kodiċi tan-NM)	Bażi
(1)	(2)	(3)
Bromomethane li miegħu ġiet miżjuda kwantità żgħira ta' choloropicrin (2 % bħala toqol) għajr il-pakkett għall-bejgħ bl-imnut.	2903 30 33	Il-klassifika skond ir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-NM, nota 1 (g) tal-Kapitolu 29 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 2903, 2903 30 u 2903 30 33. Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni ta' l-HS, Kapitolu 29, Parti Ġenerali (A), paragrafu 6.